MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 521/1995/1

**Mary Calleja u Victor Calleja zewgha**

**v.**

**Francis Scerri u b'digriet tad-9 ta' Jannar 1996, Dr. Raymond Zammit u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-imsiefra Carmen Grima xebba Scerri**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell minn zewg sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn l-attrici u zewgha Victor Calleja

talbu l-likwidazzjoni, d-divizjoni u assenjazzjoni ta’ l-assi appartenenti lill-konjugi Maria Dolores u Saviour Scerri inkluz il-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn dawn il-konjugi, kompriza l-immissjoni fil-pussess tal-legati hekk imhollija mit-testaturi.

## IC-CITAZZJONI TA’ L-ATTURI

2. B’citazzjoni pprezentata fil-25 ta’ April 1995 l-atturi ppremettew, illi l-ġenituri tal-partijiet, ad eccezzjoni ta’ Victor Calleja, Maria Dolores u Saviour Scerri, kienu mietu fit-2 ta’ Mejju 1985, u fit-2 ta’ April 1993, rispettivament. Spjegaw illi Maria Dolores Scerri kienet ghamlet zewg testmenti unica charta datati 19 ta’ Lulju, 1974 u 23 ta’ Settembru 1977, in atti Nutar Antoine Galea, fejn filwaqt li halliet xi legati, kienet innominat lil binha Francis Scerri, eredi universali. Imbaghad, wara l-mewt ta’ martu, Saviour Scerri kien ghamel zewg testmenti datati 12 ta’ Awissu 1986, in atti Nutar Anthony Attard u 20 ta’ Jannar 1987, in atti Nutar Victor Bisazza. Missier l-attrici kien ukoll ghamel diversi kuntratti datati 20 ta’ Jannar 1987, 12 ta’ Ottubru 1989, u 6 ta’ Novembru 1990, ilkoll ippublikati min-Nutar Victor Bisazza, fejn ikkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur versu l-atturi ghas-servigi minnhom rezi lilu. Ippremmettew illi huma ma riedux jibqghu izjed jippossjedu in komun mal-konvenuti l-ohra u jridu li jigu mmessi fil-pussess tal-legati lilhom imhollija u talbu lill-Qorti –

i) tillikwida l-assi ereditarji ta’ Maria Dolores u Salvatore konjugi Scerri, kompriza l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom;

ii) timmettihom fil-pussess tal-legati lilhom imhollija;

iii) tassenja lill-kontendenti l-porzjonijiet hekk likwidati u divizi;

iv) tikkundanna u tordna lill-konvenuti ihallsu u/jew jiddividu u jassenjaw lill-atturi l-beni trasferiti lilhom mid-defunt missierhom kif dettaljat fil-kuntratti msemmija;

v) tinnomina, jekk ikun il-kaz, periti ghall-fini tal-likwidazzjoni u divizjonijiet mehtiega;

vi) tinnomina Nutar pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt opportun u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tal-15 ta’ Dicembru 1990, 22 ta’ Marzu 1991, 29 ta’ Lulju 1991, 28 ta’ Lulju 1993, 15 ta’ Novembru 1993, 5 ta’ Jannar 1994, 23 ta’ Frar 1994, 28 ta’ April 1994, 20 ta’ Gunju 1994, 22 ta’ Lulju 1994, 27 ta’ Settembru 1994 u 19 ta’ Dicembru 1994, kif ukoll ta’ l-ittri ufficjali datati 17 ta’ Mejju 1991 u 27 ta’ Settembru 1993.

**<u>IN-NOTA TA’ L-ECCEZZJONIJIET TA’ FRANCIS SCERRI</u>**

3. Francis Scerri l-ewwelnett eccepixxa l-intempestivita` ta’ l-azzjoni in kwantu din titlob id-divizjoni tal-wirt ta’ Saviour Scerri stante li huwa kien ghadu jiddelibera jekk jaccettax il-wirt ta’ missieru. Fit-tieni lok issottometta li t-testment ta’ Saviour Scerri kien jilledi d-dritt tieghu tal-legittima, li minn issa qed jirriserva u rrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti fir-rigward ta’ l-assi ta’ ommu, salv il-verifika ta’ kwoti u l-konsistenza ta’ l-assi taghha.

**<u>IN-NOTA TA’ L-ECCEZZJONIJIET TA’ DR. RAYMOND ZAMMIT NOE ET</u>**

4. Wara li giet mitluba l-hatra ta’ kuraturi biex jirraprezentaw lil Carmen Grima, gew nominati Dr. Raymond Zammit u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici b’digriet tad-9 ta’ Jannar 1996 biex jirraprezentaw lill-istess. Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata minnhom fl-14 ta’ Mejju 1996, dawn eccepew li ma kienux edotti mill-fatti u talbu lill-attrici taghtihom l-indirizz ta’ Carmen Grima.

**<u>IS-SENTENZA PRELIMINARI IN PARTE TAS-26 TA’ JANNAR 2000</u>**

5. Fis-seduta tas-17 ta’ Gunju 1996, id-difensur ta’ l-atturi ssottometta li in vista ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut

Francis Scerri, il-Qorti kellha timponi terminu qasir u perentorju sabiex il-konvenut jezawrixxi d-deliberazzjoni tieghu. Il-konvenut, min-naha tieghu, sostna li c-citazzjoni attrici ma kenitx tikkontjeni talba simili u li jekk l-atturi kienu jhossu l-bzonn li jigi impost dan it-terminu, messhom agixxew bil-mod appozitu. Imbaghad fis-seduta tal-14 ta’ Marzu 1997, il-partijiet gew moghtija l-fakulta` li jipprezentaw noti f’dan ir-rigward u l-kawza giet differita biex tigi trattata l-eccezzjoni ta’ l-intempestivita` ta’ l-azzjoni. L-atturi kienu mbaghad ipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet u fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 1997, il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

B’sentenza tas-26 ta’ Jannar 2000, il-Qorti ta’ l-ewwel grad cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut rigwardanti l-intempestivita` ta’ l-azzjoni attrici, u “in vista ta’ l-istess eccezzjoni, fejn jinghad illi l-konvenut ghadu jiddelibera ghandux jaccetta dan il-wirt…tipprefiggi terminu sa l-1 ta’ Gunju 2000 sabiex il-konvenut jiddikjara jekk jaccettax l-eredita` ta’ Salvatore Scerri…”

Dik il-Qorti kienet qalet li mill-atti processwali ma kienx jirrizulta li ngiebet xi prova li l-konvenut ghamel xi atti ta’ l-eredi, b’mod li jista` jinghad li huwa kien accetta l-wirt, u li l-atturi assumew biss li l-konvenut ghandu l-kwalita` ta’ eredi. Ezaminat il-provvedimenti tal-ligi dwar il-wirt battal u spjegat li ai termini ta’ l-Artikolu 884(1) jekk ikun hemm talba gudizzjarja kontra werriet li ma jkollux l-assi tal-wirt f’idejh u ma jkunx indahal fiha, it-termini msemmija fl-Artikoli 881 sa 883 sabiex jaghmel l-inventarju u jahsibha jekk jaccettax il-wirt jew le, jibdew ghaddejjin biss mill-gurnata moghtija mill-Qorti. B’hekk ikkonkludiet li ma hemm xejn fil-ligi li jzomm lill-Qorti li tistabbilixxi data li fiha jinbdew ghaddejjin it-termini imsemmija f’dawn l-artikoli, u li jekk il-konvenuti ma jaghmlux l-inventarju fiz-zmien stipulat fl-Artikoli 881 u 882 tal-Kap. 16, huma jitqiesu li accettaw il-wirt.

## IS-SENTENZA FINALI TAL-PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

6.1 Is-sentenza finali nghatat fit-13 ta’ Frar 2004, u l-appell tal-konvenut huwa dirett kontra z-zewg sentenzi moghtija.

6.2 Il-Prim Awla spjegat illi wara li b’sentenza tas-26 ta’ Jannar 2000, giet respinta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, kien gie prefiss terminu sal-1 ta’ Gunju 2000, biex dan jiddikjara jekk jaccettax l-eredita` ta’ Salvatore Scerri, u li l-konvenut kien halla dan it-terminu jiskadi inutilment. Imbaghad fis-seduta tal-24 ta’ April 2001, huwa kien talab il-hlas tal-legittima dovuta lilu u sussegwentement annetta man-nota ta’ l-Osservazzjonijiet tieghu kopja fotostatika ta’ dikjarazzjoni maghmulha minnu fit-2 ta’ Dicembru 2003, fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili li biha huwa rrinunzja l-eredita` ta’ missieru u zamm ferm id-dritt tieghu tal-legittima.

6.3 Irrilevat illi l-vertenza li qamet fil-kaz odjern hija dwar jekk il-konvenut, li halla t-terminu prefiss lilu jiskadi ghalxejn setax validament u legalment jirrinunzja ghal wirt b’dan il-mod, u dan ghaliex, skond l-atturi la darba l-konvenut ma ottemperax ruhu mad-decizjoni tal-Qorti, huwa ghandu jitqies li accetta l-wirt ai termini ta’ l-artikoli citati mill-Qorti fid-decizjoni preliminari taghha. Il-konvenut izda huwa tal-fehma li ai termini ta’ l-Artikolu 845(1) id-dritt biex tintalab il-legittima huwa soggett ghall-preskrizzjoni decennali u ma jistax jigi rinunzjat minn qabel – b’hekk kellu ghaxar snin mill-mewt ta’ missieru biex jitlob il-legittima.

6.4 Elaborat illi ghalkemm l-Artikolu 845(1) jiddisponi li l-azzjoni biex tintalab il-legittima tispicca bl-eghluq ta` ghaxar snin mill-mewt dan ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tipprefiggi terminu biex persuna nominata eredi tiddikjara jekk hijiex se taccetta l-wirt jew le, kif jirrizulta mill-Artikoli 882 sa 884. Ziedet illi minn qari ta’ dawn l-artikoli jirrizulta li fejn hemm talba gudzzjarja u l-werriet ma jkunx indahal fil-wirt, it-terminu sabiex isir l-inventarju u jiddeciedi jekk hux se jaccetta l-wirt jew le jibda jiddekorri mill-gurnata prefissa mill-Qorti, fil-kaz odjern mill-1 ta’ Gunju 2000, u jekk ihalli dan it-terminu u t-termini ulterjuri indikati fl-

Artikolu 882 jiskadu inutilment, "jitqies li accetta l-wirt minghajr il-beneficcju ta' l-inventarju". Ghalhekk it-tezi tal-konvenut mhijiex konfortata mil-ligi izda hija mminata mil-ligi li espressament tikkontempla kazijiet fejn it-terminu huwa ferm inqas minn ghaxar snin. Ghalhekk, ghalkemm ir-rinunzja maghmula fit-2 ta' Dicembru 2003, saret fil-forma preskritta mil-ligi ma jistax ikollha effett stante li l-konvenut huwa meqjus li accetta l-eredita` ai termini ta' l-Artikolu 882, u tali accettazzjoni teskludi l-possibilita` ta' rinunzja sussegwenti, hlief fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 858, li ma japplikawx hawnhekk.

6.5 Ghalhekk iddikjarat li l-konvenut kellu jitqies eredi universali ta' missieru skond it-testmenti msemmija.

Imbaghad, il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa u fid-dawl tal-provi dokumetarji, il-prospetti redatti u mahlufa mill-Prokuratur Legali J. Privitera indikanti l-assi, l-attiv u l-passiv tal-kommunjoni ta' l-akkwisti u ta' l-assi ta' Saviour Scerri fid-data tal-mewt tieghu, ikkonkludiet illi dawn jirraprezentaw bazi affidabbli ghad-divizjoni mitluba.

Ghaddiet imbaghad biex tassenja l-assi a bazi tat-testmenti li saru bejn il-konjugi Scerri-

**Mary Calleja, l-attrici** – wirtet b'legat il-fond Marvic f'Naxxar Road, San Gwann, mill-assi ereditarji ta' ommha flimkien ma' nofs l-arja fuq l-istess pjan terren min-naha tal-Lvant u dan a saldu ta' sehemha fuq is-successjonijiet ta' l-istess successuri. Missierha, imbaghad, permezz tat-testment tat-12 ta' Awissu 1986, kien hallielha n-nofs indiviz l-iehor ta' l-arja fuq dan it-terran bhala prelegat remuneratorju, u ddikjara li kien jaf li din ma kenitx proprjeta` tieghu, izda li kienet tappartjeni lill-martu. Il-Qorti kkunsidrat tali prelegat bhala validu stante li d-dikjarazzjoni rikjesta mill-Artikolu 696 kienet saret mit-testatur u ordnat lil Francis Scerri, ko-eredi tal-wirt ta' missieru, jikkonsenja dan il-legat.

Ziedet tghid li l-attrici kellha tiehu l-ammonti ta' LM1388 u LM177 mill-assi ereditarji ta' missierha bhala kumpens

ghas-servigi rezi lil missierha u skond kif indikat fil-kuntratt tas-6 ta' Novembru, 1990.

Hija giet ukoll nominata eredi universali tal-assi ereditarji ta' missierha maz-zewg hutha l-ohra bit-testment tat-12 ta' Awissu 1986 fi kwota ta' terz.

**Francis Scerri** wiret il-fond 1 St. Paul's Street, San Gwann u l-affarijiet kollha mobbli li jinsabu f'din id-dar in forza tat-testmenti unica charta tal-genituri tieghu. Mill-atti rrizulta li l-istess konvenut kien ghamel kuntratt ta' kompra-vendita` ta' l-imsemmi fond qabel il-mewt tal-genituri tieghu u skond it-testment tat-12 ta' Awissu 1986, missieru hallielu b'titolu ta' prelegat "kwalunkwe somma ta' flus li l-istess Francis Scerri ghandu jhallas bhala bilanc tal-prezz tal-fond". Bit-testment tad-29 ta' Settembru 1977, huwa gie nominat eredi universali ta' ommu u ghalhekk wara li jinqata' l-passiv ta' l-eredita` u jithallsu l-legati kollha, ir-rimantenti proprjeta` indikata fil-prospett Dok MVC 2 tiddevolvi favur il-konvenut. Huwa ghandu wkoll kreditu ta' LM645.83 kif indikat fil-prospett. Permezz tat-testement tat-12 ta' Awissu 1986, huwa wkoll gie nominat eredi universali ma` hutu ta' l-assi ereditarji ta' missieru.

**Carmen Grima**, in forza tat-testmenti unica charta tal-genituri taghha giet imhollija b'titolu ta' legat u a saldu ta' sehemha fuq is-successjonijiet tat-testaturi bicca art Tal-Imsierah f' Naxxar Road, San Gwann u l-hanut numru 1 St. Paul's Street, San Gwann. Izda stante li n-nofs indiviz ta' Saviour Scerri mill-fond gie trasferit bil-kuntratt tas-6 ta' Novembru 1990, hija ghandha biss in-nofs indiviz tal-fond u cioe` dik il-parti appartenti lill-assi ereditarji ta' ommha. Bit-testment tat-12 ta' Awissu 1986, thallew lilha wkoll kwalunkwe flus li setghet inbaghtitilha in konnessjoni mal-hanut li qieghed fi Triq San Pawl, u giet nnominata eredi ta' l-assi ereditarji ta' missierha flimkien ma` hutha.

Fl-ahhar lok il-Qorti cahdet l-ilmenti kollha tal-konvenut Francis Scerri dwar id-depoziti bankarji u dwar sehmu mill-prezz ta' l-art tad-Delli stante li rrizulta mill-prospetti li

dawn gew debitament inseriti anke fl-assi ereditarji ta' ommu, li taghha huwa l-werriet universali.

6.6 Ghalhekk, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, hija mmettiet lill-kontendenti fil-pussess tal-legati lilhom imhollija, assenjat il-porzjonijiet skond kif minnha likwidati u divizi, ordnat il-hlas tal-krediti dovuti u nnominat lin-Nutar Dr. Carmel Martinelli biex fi zmien tlett xhur jircievi l-att relativ u lil Dr. Veronica Aquilina, bhala kuratur sabiex tidher ghall-kontumaci, jekk ikun il-kaz.

L-ispejjez a karigu tal-kontendenti skond il-kwoti rispettivi.

**L-APPELL TAL-KONVENUT FRANCIS SCERRI**

7.1 Il-konvenut Francis Scerri hassu aggravat bid-decizjoni tal-Qorti ta' Prim Istanza u appella minnha ghas-segwenti aggravji –

I) Stante li l-atturi fic-citazzjoni odjerna ma talbux lill-Qorti tipprefiggi terminu li fih il-konvenut kellu jiddikjara jekk kienx qed jaccetta l-eredita` ta' missieru, il-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni tipprefiggi t-terminu sal-1 ta' Gunju 2000, sabiex huwa jiddikjara jekk jaccettax jew le l-eredita` u tali decizjoni taghha hija ultra petita. Inoltre, jissottometti li din it-talba kellha ssir b'citazzjoni ad hoc u mhux b'semplici verbal fl-atti tal-kawza meta din ma kenitx mitluba fic-citazzjoni.

Jissottometti li skond il-ligi huwa kellu ghaxar snin mill-mewt tad-decujus biex jiddelibera jekk jaccettax l-eredita` ta' missieru u ghalhekk kien eccepixxa l-intempestivita` ta' l-azzjoni stante li kien ghadu qed jiddelibera jekk jaccettax l-eredita` jew jiehux biss il-legittima. Li kieku l-Qorti ta' l-Appell kellha taccetta li t-terminu li fih huwa kellu jiddeciedi jekk jaccettax l-eredita` kien sal-1 ta' Gunju 2000, kif deciz mill-ewwel Qorti, allura huwa jkun marbut b'dan it-terminu u ma jkollux id-dritt jappella mis-sentenza in parte tas-26 ta' Jannar 2000, li kienet sentenza in parte u li tista` tigi appellata, kif fil-fatt qed tigi appellata, flimkien mas-sentenza finali. Dan huwa dritt sancit mill-Kodici tal-Procedura u Organizazzjoni Civili u mill-Kostituzzjoni ta'

Malta. Dan it-terminu ghandu jibda jiddekkorri mid-data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell.

(II) Il-konvenut jillanja li minkejja li l-Qorti pprefeggiet dan it-terminu hija naqset li tispecifika x'jigri fil-kaz li huwa jibqa` sieket, u dan minkejja li huwa kien indika fit-tieni eccezzjoni tieghu li d-dritt tieghu tal-legittima fuq il-wirt ta' missieru gie lez. Jissottometti li l-Qorti kienet zbaljata meta qalet li s-skiet tieghu jammonta ghal accettazzjoni ta' l-eredita` ghaliex l-Artikoli 881, 882 u 883 tal-Kap 16 jikkontemplaw sitwazzjoni differenti minn dak li qed jigi dibattut fil-kawza odjerna. Isostni li meta wiehed jikkonsidra t-tieni eccezzjoni tieghu u r-rinunzja ta' l-eredita` ta' missieru, salv id-dritt ghal legittima, jista` jifhem li dan is-skiet ifisser li huwa jrid biss il-legittima.

(III) Illi inoltre bid-decizjoni taghha tat-13 ta' Frar 2004, l-ewwel Qorti kkunsidrat lill-appellant bhala eredi ta' missieru minghajr ma tat kaz tat-tieni eccezzjoni tieghu fejn eccepixxa li d-dritt tal-legittima tieghu kien gie lez bid-disposizzjonijiet testamentarji ta' missieru. Isostni li l-Qorti kienet zbaljata meta qaghdet fuq l-affidavit tal-P.L. John Privitera dwar il-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' missieru stante li dan ma kienx ikkonsidra l-introjtu li missieru dahhal mill-art tad-Delli, mil-liema bejgh huwa ma rcieva xejn rigwardanti s-sehem ta' ommu. Inoltre, ghalkemm huwa eredi ta' ommu, ma rcieva xejn mill-flus depozitat l-Bank f'isem ommu, cioe` sehemha mill-Kommunjoni ta' l-Akkwisti u sehemha mill-bejgh ta' l-art tad-Delli li jammontaw ghal LM1,550.

(IV) Jillanja li huwa kien wiret bicca arja diviza fuq il-fond 'Marvic', fi Triq in-Naxxar, San Gwann, u stante li qatt ma accetta l-eredita` ta' missieru, huwa ma ghandux jigi mgieghel jittrasferixxi l-istess arja lill-appellata.

(V) Il-konvenut jissottometti wkoll li l-legittima fuq sehem missieru ghandha tigi komputata fuq nofs dak rikavat mill-bejgh ta' l-art tad-Delli, nofs il-flus depozitati f'isem il-mejta ommu u l-assi ta' missieru li jirrizultaw mill-kuntratt tas-6 ta' Novembru 1990, markat Dok FS2, fejn inghad li missieru kien halla nofs indiviz tal-hanut Pot and Plant,

f'Saint Paul Street, San Gwann u l-ammont ta' LM1000 ohra, rapprezentanti kreditu li kien hemm versu missieru Saviour Scerri, li ntuzaw biex inbena t-terran Marvic, Naxxar Road, San Gwann, proprjeta` tal-appellata.

(VI) Fl-ahharnett jghid li, huwa m'ghandux jigi misjub responsabbli biex ihallas "id-dejn fazul" li ghamel missieru b'kuntratt ma' ohtu l-appellata, in konsiderazzjoni tas-servigi pretizi minnha.

8. Ghalhekk il-konvenut appellant talab li din il-Qorti –

i) tirrevoka s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2000 fis-sens li tiddikjara li t-terminu impost kien <u>ultra petita</u> stante li ma kienx gie mitlub fic-citazzjoni attrici u tiddikjara inoltre, li tali terminu ma hux fatali ghall-appellant ghax li kieku kien hekk ikun qed jintralcja d-dritt tieghu li jappella mis-sentenza;

ii) tirriforma s-sentenza tat-13 ta' Frar 2004 billi filwaqt li tillikwida l-assi ereditarji tal-konjugi Scerri, salv id-dritt tal-legittima tieghu fuq l-eredita` tal-mejjet missieru, ma timmettiex lill-kontendenti fil-pussess tal-legati mhollija lilhom stante li l-arja diviza fuq il-proprjeta` Marvic, f'Naxxar Road, San Gwann hija proprjeta` tieghu u huwa ghandu sehem fil-komputazzjoni tal-legittima minn nofs indiviz tal-hanut "Pot and Plant" f' St. Paul's Street, San Gwann;

iii) tilqa` t-talba tieghu ghal likwidazzjoni tal-legittima dovuta lilu mill-eredita` ta' missieru u ghalhekk tichad it-talbiet attrici in kwantu li huma inkonsistenti mal-likwidazzjoni tal-legittima msemmija.

## <u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAL-KURATURI</u>

9. Dr. Raymond Zammit, kuratur ta' l-imsiefra Carmen Grima, issottomettew illi huma jirrimettu ruhhom ghal dak li jirrizulta mil-ligi u ma ghandhom ibatu ebda parti mill-ispejjez taz-zewg istanzi.

## <u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' MARY CALLEJA ET</u>

10.1 L-appellati konjugi Calleja jissottomettu li s-sentenzi tas-26 ta’ Jannar 2000, u dik tat-13 ta’ Frar 2004, huma gusti u ghandhom jigu konfermati bl-ispejjez kontra l-appellant.

10.2 Jghidu li l-appellant ma hux qed jappella minn dik il-parti tas-sentenza tas-26 ta’ Jannar 2000, fejn dik il-Qorti cahditlu l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar l-intempestivita` ta’ l-azzjoni, izda l-appell tieghu huwa fis-sens li t-terminu impost mill-ewwel Qorti biex hu jidddeciedi jaccettax jew le l-eredita’ huwa ultra petita, u li fi kwalunkwe kaz huwa dejjem kellu ghaxar snin biex jiddelibera jekk jaccettax il-wirt ta’ missieru jew jaghzel li jiehu l-legittima. Jissottomettu li dawn l-argumenti diga` gew trattati u skartati mill-ewwel Qorti li spjegat li t-terminu preskrittiv japplika biss meta ma jkunx hemm talba gudizzjarja sabiex min ikun imsejjah ghall-wirt jiddikjara jaccettahx. Fil-kaz odjern, kien hemm talba appozita u ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta tat terminu lill-konvenut. Jissottomettu li l-ewwel Qorti korrettement applikat l-Artikolu 868 tal-Kodici Civili, liema artikolu ma jispecifika ebda forma procedurali li fiha ghandha ssir talba simili. Din il-procedura kienet diga` giet segwita f’kawza simili fl-ismijiet **Saverio Ciantar et v. Felic Ciantar et**, fejn kienet intalbet il-likwidazzjoni u d-divizjoni ta’ l-assi ereditarji, u stante li l-konvenuti kienu ddikjaraw li kienu ghadhom qed jiddelliberaw jaccettawx l-eredita` jew le, il-Qorti kienet ipprefiggietilhom terminu biex jiddeciedu. Dan l-aggravju ta’ l-appellant huwa wkoll zbaljat fid-dawl tal-fatt li l-bzonn li jinghata dan it-terminu qam mid-dikjarazzjoni tal-konvenut stess li huwa kien ghadu qed jiddelibera jaccettax jew le. L-appellant kien ghalhekk jaf li f’kaz li t-terminu jghaddi minghajr ma hu jkun rrinunzja formalment ghall-eredita`, il-posizzjoni tieghu kienet kompatibbli biss ma` accettazzjoni tal-wirt. Ma jistax jigi permess li l-konvenut jinjora l-ordni tal-Qorti intiza sabiex tirregola l-kawza, u jiddeciedi meta u kif jaqbillu, ghaliex dan iwassal biex l-effett ta’ l-Artikolu 868 jigi stultifikat.

10.3 Jissottomettu inoltre li t-terminu ta’ ghaxar snin li l-appellant qed isostni li ghandu ai termini ta’ l-Artikolu

845(1) tal-Kodici Civili huwa t-terminu li fih tigi preskritta l-azzjoni biex tintalab il-legittima u mhux biex il-werriet jiddeciedi jekk jaccettax il-wirt jew le. Inoltre, missier il-partijiet miet fit-2 ta’ April 1993, u l-appellant ipprezenta r-rinunzja fil-forma rikjesta skond il-ligi fit-2 ta’ Dicembru 2003 – ghaldaqstant tali rinunzja ma seta’ jkollha ebda effett fil-ligi.

10.4 Fir-rigward ta’ l-aggravju ta’ l-appellant li jekk it-terminu impost mill-Qorti jorbot lill-appellant, dan icahhdu mid-dritt ta’ appell mill-istess decizjoni jissottomettu li t-terminu gie impost wara li l-Qorti tat decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni u li din l-ordni ma tistabillix drittijiet jew obbligazzjonijiet, izda hija intiza biss biex tirregola l-procediment tal-kawza. Kien imbaghad l-appellant stess li ddecieda l-posizzjoni legali tieghu bl-inattivita` tieghu fil-konfront ta’ l-ordni tal-Qorti.

10.5 Anke s-sottomissjoni ta’ l-appellant li s-silenzju tieghu jista` jinftiehem li kien qed jaccetta l-eredita` ma hija korretta, stante li r-rinunzja riedet issir b’mod formali u ladarba dan ma sarx sa gheluq it-terminu impost baqa’ biss l-ipotezi li hu accetta l-eredita`. L-agir tal-konvenut hu konsonanti ma’ accettazzjoni tacita tal-wirt. In fatti, kif sewwa spjegat l-ewwel Qorti hija l-ligi stess li fl-Artikolu 882 tal-Kodici Civili, tistabillixxi l-presunzjoni legali li l-werriet li jonqos li jaccetta jew jirrinunzja l-eredita` jew li jaghmel inventarju fiz-zmien li jkun gie lilu mgedded “jitqies li accetta l-wirt minghajr il-beneficcju ta’ l-inventarju”. Tali presunzjoni hija <u>iuris et de iure</u> u ma tistax tingheleb bis-semplici talba ghal-legittima jew b’dikjarazzjoni f’dan is-sens f’semplici verbal. Il-ligi trid li rinunzja ghall-eredita` minn min ikun imsejjah ghaliha ssir biss espressament u b’mod solenni skond dak provdut mill-Artikolu 860(2). Hija inutili ghalhekk l-insistenza ta’ l-appellant li huwa qatt ma accetta l-eredita` ta’ missieru u ghalhekk mhux marbut bl-obbligi imposti fuqu jew trasmessi <u>causa mortis</u>.

10.6 Jissottomettu li fis-sentenza <u>in parte</u> tas-26 ta’ Gunju 2000, il-Qorti ma qalitx li l-konvenut qatt ma ghamel xi att ta’ eredita’ in konfront tal-wirt ta’ missieru b’mod li jista’

jinghad li accetta l-wirt, izda qalet li “mill-atti processwali ma ngabet ebda prova kwalunkwe li l-konvenut ghamel xi att ta’ eredi”. Dan naturalment kien jirrifletti l-istat tal-provi dak iz-zmien, izda llum mill-provi rrizulta li l-konvenut kien ghamel ukoll atti ta’ eredi. Ghalhekk oltre l-accettazzjoni tacita, il-konvenut ghandu jitqies li accetta l-eredita` ta’ missieru stante li gie ppruvat li ghamel atti ta’ eredi li necessarjament jimplikaw l-accettazzjoni tieghu kif provdut fl-Artikolu 850 tal-Kodici Civili. Dan jirrizulta mix-xhieda ta’ l-attrici fejn inghad li wara li miet missieru hu kien dahal fil-fond 1, Triq San Pawl, San Gwann u ha pussess tal-effetti kollha mobbli u ghamara, li kif jaf sewwa l-appellant jappartjenu kwantu ghan-nofs indiviz lill-mejta ommhom, li taghha huwa eredi universali u n-nofs l-iehor lil missieru. Hu ghazel u ppretenda li jzommhom bi dritt.

10.7 Fir-rigward ta’ l-aggravju dwar il-konsistenza ta’ l-assi ereditarji jissottomettu li ghalkemm jilmenta li l-Qorti kienet zbaljata meta strahet fuq l-affidavit ta’ John Privitera, huwa la ttenta u lanqas rnexxielu bl-ebda mod jiskosta l-validita` ta’ din il-prova. L-appellant nesa li din l-informazzjoni preciza moghtija mill-Prokuratur Legali Privitera tinsab ukoll korroborata mix-xiehda u provi ohra prodotti.

10.8 Jghidu li l-Qorti kienet korretta meta qasmet l-eredita` u mmittiet fil-pussess tal-legati lil-legatarji u li ladarba l-appellant accetta l-eredita` huwa marbut bid-disposizzjonijiet testamentarji maghmula minn missieru. L-appellant huwa wkoll obbligat jittrasferixxi l-bicca arja diviza fuq il-fond Marvic, fi Triq Naxxar, San Gwann stante li t-testatur ghamel legat “di cosa altrui” ai termini ta’ l-Artikolu 696(1) tal-Kodici Civili. Anke l-allegazzjoni ta’ l-appellant li r-rikonoxximent da parti ta’ missieru tad-dejn dovut minnu lill-attrici ghal hlas tas-servigi resi hu fazull u mhux sorretta mill-provi, li anzi juru l-kuntrarju.

**NOTI ULTERJURI TAL-PARTIJIET FL-APPELL**

11. Wara li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw il-kawza quddiem din il-Qorti, huma dehrilhom opportun li jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet ulterjuri li, minn

ezami tal-verbali tas-seduta li saru quddiem din il-Qorti, ma jidhrux li kienu awtorizzati biex jaghmlu dan. Lanqas ma jirrizulta li kien gie intavolat xi rikors b'talba ad hoc biex tintalab tali awtorizzazzjoni. Irrizulta komunkwe li l-konvenut appellant Francis Scerri pprezenta nota fis-17 ta' Ottubru 2006, jigifieri l-ghada ta' l-ahhar differiment, filwaqt li l-atturi appellati wiegbu b'nota in data tat-23 ta' Ottubru 2006, u mill-gdid il-konvenut irreagixxa b'nota responsiva in data tat-22 ta' Novembru, 2006.

Peress li mill-atti ma jirrizultax li kien hemm debita awtorizzazzjoni li jigu ammessi dawn in-noti ulterjuri u billi, f'kull kaz dawn in-noti sempliciment ikomplu jelaboraw punti dibattuti fil-kors tas-smigh tal-kawza u ma hemm xejn "gdid" fihom, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tordna l-isfilz taghhom u ta' kull nota ohra li tista' tidhol sal-mument li tinghata s-sentenza ta' din il-Qorti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

12. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li hija ghazlet deliberatament li taghti kopertura estensiva ta' dak li sehh sa issa f'din il-vertenza. Dan ghamlitu mhux biss minhabba n-natura legalment komplessa tal-vertenza imma wkoll minhabba dak li ulterjorment sejjer jigi pprovdut u deciz minn din il-Qorti.

13. L-ewwel aggravju tal-konvenut jattakka l-procedura adoperata mill-Qorti ta' l-ewwel grad kif temani mill-ewwel sentenza in parte moghtija fis-26 ta' Jannar, 2000. F'dan ir-rigward, l-appellant konvenut jissottometti diversi lanjanzi, jigifieri

(1) li fl-att tac-citazzjoni, l-atturi ma talbux lill-Qorti biex din tipprefiggilu terminu li fih huwa kellu jiddikjara jekk jaccettax jew le l-wirt ta' missieru. Kwindi, dik il-Qorti ma kellha ebda gurisdizzjoni li tghaddi biex tipprefiggi termini fis-sens imsemmi, u ghalhekk tali decizjoni kienet ultra petita;

(2) fit-tieni lok, tali talba messha saret per via ta' citazzjoni ad hoc u mhux b'semplici talba fil-kors tal-proceduri odjerni;

(3) li bil-ligi huwa kellu ghaxar snin mill-mewt tad-decujus biex jiddelibera jekk jaccettax jew le l-eredita` ta' missieru u proprju ghalhekk kien eccepixxa l-intempestivita` ta' l-azzjoni, stante li kien ghadu qed jiddelibera jekk jaccettax l-eredita` jew jiehux biss il-legittima spettanti lilu bil-ligi;

(4) li l-ewwel Qorti zbaljat meta naqset milli tispecifika x'kellu jigri fil-kaz li huwa jibqa' sieket, u dan minkejja li huwa kien gia` indika fit-tieni eccezzjoni tieghu li d-dritt tieghu tal-legittima fuq il-wirt de quo kien gie lez; u

(5) li l-ewwel Qorti zbaljat meta rriteniet li s-skiet tieghu kien jammonta ghal accettazzjoni ta' l-eredita` de quo u dan ukoll ghaliex l-Artikoli 881, 822 u 883 tal-Kap. 16 jikkontemplaw sitwazzjoni differenti minn dik li kien qed jigi dibattut f'din il-kawza.

14.1 It-tieni aggravju jolqot direttament il-meritu tal-vertenza, jigifieri kif kellu jitqies il-konvenut fil-qasma tal-wirt jigifieri jekk huwiex legittimarju jew inkella werriet, f'hiex kienu jikkonsistu l-assi ta' din l-eredita` u kif kellha eventwalment issir il-qasma tal-wirt, fid-dawl tas-suespost.

14.2 Billi jkun opportun li qabel xejn jigu investiti d-diversi punti kontenuti fl-ewwel aggravju, kif hemm espost fil-paragrafu antecedenti, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm htiega li terga' ssemmi in dettall x'hemm implikat fit-tieni aggravju. Dan ghaliex kollox jiddependi fuq dak li ser jigi deciz fir-rigward ta' l-ewwel aggravju.

15. Dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti jidhrilha li huwa l-kaz li tezamina l-ewwel tlett lanjanzi flimkien billi ghandu jidher ovvju li hemm konnessjoni intima bejniethom. Il-konvenut ippretenda u ghadu jippretendi f'dan l-appell li huwa kellu zmien ghaxar snin biex jiddeciedi u jaghti risposta dwar jekk jaccettax il-wirt jew le. Din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox ma' tali asserzjoni l-ghaliex jidhrilha li darba li l-konvenut, qua eredi prezunt, gie mharrek proprju biex ikunu jistghu jitwettqu dawk id-disposizzjonijiet

imhollija mit-testaturi u l-Qorti kompetenti giet adita biex tiddeciedi dwar il-qasma u l-assenjazzjonijiet li kellhom isiru, allura jsegwi li l-konvenut ma setax jibqa' inert u jzomm kollox wieqaf. Fi kliem iehor, il-perijodu ta' ghaxar snin m'huwiex ghajr terminu ta' dekadenza. Di fatti l-Artikolu 845(1) tal-Kap. 16 jghid car u tond hekk,
"L-azzjoni biex jintalab wirt jew legat, jew legittima, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal illeggittimi jew lil zewg jew mart il-mejjet, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk <u>ab intestato</u>, tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni."

L-azzjoni attrici, ghall-finijiet indikati fl-att ta' citazzjoni, saret entro dan it-terminu ta' ghaxar snin u dan korrettement, izda b'daqshekk ma jfissirx ukoll li l-konvenut kellu d-dritt li ma jwiegeb xejn ghax l-ghaxar snin kienu ghadhom ma ghaddewx. Ghal kuntrarju, f'sitwazzjoni simili u darba li, kif hemm stipulat fl-Artikolu 846 tal-Kap. 16, <u>hadd</u> ma hu obbligat li jaccetta wirt li jmiss lilu, ghandu kwindi jiskatta fost ohrajn, l-Artikolu 868 ta' l-istess kap li jghid hekk,
"Il-Qorti taghti, fuq talba ta' kull min ghandu interess, li l-werriet b'testment jew <u>ab intestato</u>, iz-zmien ta' xahar, li, ghal raguni tajba jista' jigi mgedded ghal xahar iehor, biex jiddikjara jekk jaccettax il-wirt jew jirrinunzjax ghalih; u fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kif moghti mill-bidu jew kif imgedded, il-wirt jitqies irrinunzjat."

Issa huwa ovvju li biex parti interessata tkun waslet ghal talba simili, il-presuppost hu dak li tkun giet istitwita kawza <u>ad hoc</u> rigwardanti l-istess eredita`. Kwindi l-procedura segwita mill-atturi kienet proceduralment valida u korretta u la seta' l-konvenut jeccepixxi li kienet intempestiva u lanqas ma jidher illi kien hemm xi htiega, kif issottometta l-konvenut, li ssir procedura ohra separatament in aggunta tal-kawza gja` mibdija mill-atturi. Ghalhekk l-ewwel tlett (3) lanjanzi ta' l-ewwel aggravju huma infondati u qeghdin jigu respinti.

16.1 Ghall-istess ragunijiet msemmija aktar 'il fuq, fosthom dik ta' konnessjoni, din il-Qorti sejra issa tezamina f'daqqa r-raba' u l-hames lanjanzi kif fuq esposti.

16.2 Din il-Qorti hija tal-fehma li dawn iz-zewg lanjanzi huma ta' portata determinanti fuq il-validita` legali o meno ta' dak li gie deciz mill-Qorti ta' l-ewwel grad, u partikolarment dak li gie deciz (u wara segwit) fl-ewwel sentenza moghtija mill-Qorti grad fis-26 ta' Jannar, 2000. Dan kollu qieghed jinghad ghas-semplici raguni li jekk wiehed jezamina sew x'jimplikaw dawn il-lanjanzi, specjalment l-ahhar wahda, isib li l-konvenut qieghed isostni li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi, u dan billi applikat artikoli tal-ligi minflok ohrajn li suppost kellhom japplikaw – asserzjoni serjissima ghax tista' sahansitra twassal potenzjalment, li kieku kellha tirrizulta fondata, ghal talba ta' ritrattazzjoni.

17. L-appellant konvenut jissottometti li l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 881, 882 u 883 tal-Kap. 16 kienet ghal kollox zbaljata ghax dawn jikkontemplaw sitwazzjoni differenti mill-fattispecje f'din il-kawza.

18. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi akkwiziti u qieset is-sottomissjonijiet kemm ta' naha u kemm ta' ohra, hija tal-fehma li din il-parti ta' l-ewwel aggravju hija fondata u ghandha tigi akkolta, b'dan li, bhala konsegwenza, l-atti kollha tal-kawza li sehhew in segwitu ghandhom jigu annullati wkoll.

19. Meta l-atturi istitwew il-kawza taghhom kontra l-konvenut, din ghamluha fuq il-premessa li l-istess konvenut kien gie istitwit werriet mill-genituri taghhom, kif fil-fatt jirrizulta mit-testmenti li gew esebiti ma' l-att tac-citazzjoni – ara elenku a fol. 5 tal-process. In vista pero` ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut (hekk ara n-nota ta' l-eccezzjonijiet a fol. 64) kien jidher evidenti li huwa kien ghadu incert dwar dan il-punt, anzi eccepixxa l-intempestivita` ta' l-azzjoni, liema eccezzjoni pero` giet in segwitu dikjarata bhala infondata kemm mill-ewwel Qorti, kif ukoll minn din il-Qorti. Jibqa' l-fatt pero` li <u>sa dan il-mument tal-kawza</u> il-konvenut kien qieghed jitqies bhala li

kien ghadu ma ddecidiex jaccettax il-wirt jew le ghar-raguni wkoll, li gia` sar accenn ghaliha, hadd ma hu obbligat li jaccetta wirt li jmiss lilu (Artikolu 846, Kap. 16). Kien fil-fatt ghalhekk li l-ewwel Qorti, fic-cirkostanzi, dehrilha opportun li tipprefiggi terminu lill-konvenut – ara s-sentenza <u>in parte</u> ta’ l-ewwel Qorti moghtija fis-26 ta’ Jannar 2000 (fol. 107 – 117 tal-process) “sabiex il-konvenut jiddikjara jekk jaccettax l-eredita` ta’ Salvatore Scerri…..”. Fil-fatt l-ewwel Qorti stipulat terminu sa l-1 ta’ Gunju, 2000. Issa, u hawn fejn l-ewwel Qorti, bir-rispett kollu, zbaljat, minflok ma’ l-ewwel Qorti ma bbazat ruhha, <u>kif suppost li ghamlet, fuq l-Artikoli 846 sa l-Artikolu 876, u in partikolari l-Artikolu 868, u okkorrendo l-Artikolu 869, tal-Kap. 16</u>, hija ghazlet minflok li timxi u tapplika l-artikoli sussegwenti li jinsabu fil-Kodici Civili, jigifieri l-Artikoli 881, 882 u 883 tal-Kap. 16. Fi kliem iehor, minflok ma gew applikati dawk l-artikoli indikati bit-titolu “Fuq l-Accettazzjoni u r-Rinunzja ta’ Wirt”, u taht sub-titlu “Fuq l-Accettazzjoni ta’ Wirt” hija marret zbaljatament taht is-subtitlu sussegwenti msejjah “Fuq il-Beneficcju ta’ l-Inventarju”.

20. L-Artikolu 881, Kap. 16 invokat mill-ewwel Qorti jghid hekk,
“Il-werriet <u>li fil-fatt ikollu l-assi tal-wirt f’idejh</u>, ghandu jaghmel l-inventarju fi zmien tliet xhur mill-ftuh tas-successjoni, jew minn dakinhar li jsir jaf li l-wirt imiss lilu.” (Sottolinear tal-Qorti)

Issa ghandu jirrizulta bic-car li f’dan l-istadju l-ewwel Qorti ma kenitx tal-fehma li l-konvenut bhala fatt kellu f’idejh xi assi tal-wirt ghaliex fil-korp ta’ l-istess sentenza, dik il-Qorti qalet espressament hekk (fol. 114):
“Illi mill-atti processwali <u>ma ngabet ebda prova kwalunkwe li l-konvenut ghamel xi att ta’ l-eredi, b’mod li jista’ jinghad li l-konvenut accetta l-wirt</u>, u l-atturi assumew biss li l-istess konvenut ghandu l-kwalita` ta’ eredi.” (Sottolinear ta’ din il-Qorti).

Allura, <u>rebus sic stantibus</u>, kellu jsegwi li jekk ser jinghata terminu lill-konvenut kif fil-fatt inghata, dan it-terminu kellu jkun fuq il-binarju li hemm imsemmi fl-Artikolu 868 tal-Kap.

16, u mhux fuq dak li hemm mahsub fl-artikoli applikati mill-ewwel Qorti. Lanqas ma jista' jinghad li l-ewwel Qorti giet b'xi mod zvijata mill-atturi l-ghaliex jirrizulta li f'nota ta' sottomissjonijiet li dawn ipprezentaw qabel l-ewwel sentenza, illi dawn inter alia, issottomettew hekk (ara fol. 87 – 88 tal-process):
"In effetti dak li jinsab stipulat fl-Artikolu 868 tal-Kodici Civili ma jinnecessitax illi l-Qorti adita f'kawza ta' likwidazzjoni u qasma ta' l-assi ereditarji jkollha tieqaf sakemm issir it-talba b'azzjoni separata. Facilment din l-istess Qorti tista' timponi t-terminu hemm prefess ghad-deliberazzjoni ta' l-accettazzjoni o meno tal-wirt.

Ghandha tkun effettivament din l-istess Qorti li jmissha timponi d-data li fiha jibdew jghaddu t-termini previsti fil-precitat Artikolu 868 u/jew f'kaz ta' accettazzjoni bil-beneficcju ta' l-inventarju dawk it-termini mahsuba fl-Artikoli 882, 883 u 884 tal-Kapitolu 16 skond il-kaz" (Sottolinear tal-Qorti)."

21. Dak li probabilment gara, u kwindi zvija kompletament lill-Qorti milli ssegwi l-artikoli tal-ligi applikabbli fis-sitwazzjoni, kien li biex isahhu t-tezi taghhom li l-Qorti setghet tghaddi biex tipprefiggi terminu fuq il-konvenut, l-imsemmija atturi ccitaw dak li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet "Saverio Ciantar et v. Felic Ciantar et" moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' April 1987, b'dan li l-ewwel Qorti ma ntebhitx li fil-korp ta' dik is-sentenza tnizzlet il-premessa segwenti (fol. 100)
"Rat il-kopja tan-nota prezentata fl-istess Qorti Sekond Awla minn Felice Ciantar, li biha accetta l-wirt ta' ommu Giuseppa armla minn Crocefisso Ciantar bil-beneficcju ta' l-inventarju; rat il-kopja ta' l-inventarju relattiv maghmul mill-istess Felice Ciantar fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel fis-27 ta' Novembru, 1984".

Kjarament dik id-decizjoni stradat il-kawza korrettement meta, kif qalet espressament aktar tard fl-istess sentenza li "mhabba (recte minhabba) l-accettazzjoni tal-wirt bil-beneficcju ta' l-inventarju minn Felice Ciantar …." (fol. 100). Fi kliem iehor l-ewwel Qorti mxiet skond ir-regoli fir-

rigward ta’ accettazzjoni ta’ wirt bil-beneficcju ta’ l-inventarju mentri l-kaz in ezami huwa differenti.

22. Lanqas jista’ jinghad li l-lanjanza ta’ l-appellant hija semplicement punt akkademiku jew il-frott ta’ formalizmu li llum gie superat. Xejn minn dan. Il-konsegwenza f’kaz ta’ nuqqas ta’ osservanza tat-terminu impost a bazi ta’ l-Artikolu 868 tal-Kap. 16 kienet dik li l-wirt jitqies li gie rrinunzjat, filwaqt li fil-kaz l-iehor fejn ikun gie, minflok, applikat l-Artikolu 882 (kif gara f’dan il-kaz), il-konsegwenza tkun li l-werriet in kwistjoni jitqies li accetta l-wirt minghajr il-beneficcju ta’ l-inventarju. Fi kliem iehor, il-konsegwenzi huma l-oppost ta’ xulxin fiz-zewg ipotezijiet.

23. Minbarra s-suespost pero`, din il-Qorti sabet ukoll kontradizzjoni ohra fundamentali li jirrendi dawn il-proceduri bhala nulli. Gia` ntqal, *supra*, li bhala wahda mill-motivazzjonijiet moghtija mill-ewwel Qorti li fuqha bbazat ruhha biex imponiet terminu fuq il-konvenut sabiex dan jiddikjara jaccettax jew jirrinunzjax ghall-wirt saret fuq il-premessa dikjarata li lill-Qorti ma rrizultalhiex li l-konvenut kellu fil-pussess tieghu xi assi tal-wirt jew li agixxa *qua* eredi. Di fatti, fl-ewwel sentenza taghha (ara fol. 114) l-ewwel Qorti rriteniet hekk,
“Illi mill-atti processwali ma ngabet ebda prova kwalunkwe li l-konvenut ghamel xi att ta’ l-eredi, b’mod li jista’ jinghad li l-konvenut accetta l-wirt, u l-atturi assumew biss li l-istess konvenut ghandu l-kwalita` ta’ eredi.”

Il-konvenut ma kienx tenut li jgib prova fin-negattiv ghaliex hu dejjem innega li agixxa ta’ werriet. L-atturi sa dan l-istadju ma adducew ebda prova biex juru b’xi mod li l-konvenut agixxa ta’ werriet. Kien proprju ghalhekk li l-ewwel Qorti qieset opportun li tipprefiggi terminu fuq il-konvenut biex dan jiddikjara xi jrid jaghzel, ankorké li dan ghamlitu bl-applikazzjoni ta’ l-artikoli zbaljati tal-ligi. Fi kliem iehor, li kieku kien hemm prova li l-konvenut zamm ghandu xi assi tal-wirt, qatt ma seta’ jitqies li ghad kellu l-fakolta` li jirrinunzja ghall-wirt. Soprendentement pero`, din il-posizzjoni giet kapovolta mix-xiehda moghtija in segwitu mill-attrici li xehdet bil-kontra (ara affidavit taghha,

a fol. 207). Din, inter alia, xehdet li l-konvenut Francis Scerri dahal fil-fond numru 1 , Triq San Pawl, San Gwann, u ha pussess ta' l-effetti mobbli kollha u ghamara li fil-gurnata tal-mewt ta' missieru kienu jinstabu f'dan il-fond. F'nota ta' sottomissjonijiet min-naha taghha (ara fol. 323), l-attrici tghid hekk dwar dawn il-mobbli,
"Dawn kienu jappartjenu kwantu ghan-nofs indiviz lill-mejta Maria Dolores (li taghha hu l-eredi universali) u kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor lil Saviour Scerri. Il-konvenut Francis Scerri kien jaf tajjeb li dawn l-effetti mobbli kienu jappartjenu wkoll lill-wirt ta' missieru. Huwa ghazel u ppretenda li jzommhom bi dritt. Dan il-pussess necessarjament jimplika l-accettazzjoni tal-konvenut tal-wirt ta' missieru."

Issa jekk din kienet tassew il-posizzjoni – li l-konvenut jinnegaha – x'kienet ir-raguni li tali prova ma ngabitx fi stadju anterjuri?

24. Jirrizulta inoltre li fil-mori tal-proceduri, u wara li kien skada t-terminu impost mill-Qorti, il-konvenut ipprezenta nota fis-Sekond Awla fejn fiha ddikjara li huwa kien effettivament qieghed jirrinunzja formalment ghall-wirt u li kellu jitqies biss ghal fini ta' legittima. Minn hawn imbaghad skatta dibattitu gdid fis-sens jekk il-konvenut setax jinjora t-terminu originarjament impost fuqu mill-Qorti (bl-applikazzjoni ta' l-artikoli zbaljati), kif ukoll dwar jekk din in-nota ta' rinunzja saritx bil-procedura korretta u finalment, jekk fi kwalisiasi kaz, iz-zmien li ssir rinunzja simili kienx skada in forza tal-preskrizzjoni decennali. Dan kollu induca lill-ewwel Qorti biex fis-sentenza finali terga' tiftah id-dibattitu dwar jekk l-ewwel Qorti setghetx tipprocedi kif ipprocediet – bla ma qieset, pero`, li l-ewwel sentenza kienet applikat il-ligi zbaljata – u spiccat biex finalment cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u ddikjarat li l-konvenut
"Ghandu jitqies li accetta l-wirt ta' missieru u fid-divizjoni odjerna ghandu jigi konsidrat bhala eredi universali flimkien ma' hutu, skond it-testmenti fuq indikati."

25. F'sitwazzjoni, daqstant "imweghra", minn punto di vista legali, din il-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra ghajr

dik li tannulla kemm l-ewwel, kif ukoll it-tieni decizjoni appellata u terga' tqieghed lill-partijiet fl-istat li kienu fih qabel ma nghatat l-ewwel sentenza. Fi kliem iehor, biex din il-kawza tkun stradata tajjeb, ghandu fl-ewwel lok jigi epurat u deciz darba ghal dejjem jekk il-konvenut ghamilx tassew xi haga li a bazi taghha seta' jitqies mill-ewwel li hu kien agixxa ta' werriet, u li kwindi non si tratta aktar ta' rinunzja. F'kaz ta' ezitu negattiv, ghandu invece jsegwi li l-konvenut kellu jitqies bhala li rrinunzja ghall-wirt u jispetta lilu l-legittima portio, sakemm ma hemmx xi ostakolu legali iehor li jinnewtralizza t-tieni eccezzjoni tal-konvenut. Lanqas hemm il-htiega li din il-Qorti timbarka fuq ezami tal-bqija ta' l-aggravji jew li tghaddi biex tillikwida u tassenja l-assi tal-wirt in assenza ta' posizzjoni cara dwar l-istatus tal-konvenut, billi tali aggravju fl-ewwel lok jispetta lill-ewwel Qorti, u mhux lil din il-Qorti ta' revizjoni.

26. Ghal dawn ir-ragunijiet, tilqa' l-appell tal-konvenut u tirrevoka s-sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 2000, u fl-1 ta' Gunju 2004, b'dan li l-atti ghandhom jigu rimessi mill-gdid quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din timxi konformement ma' dak li gie espress fil-paragrafu precedenti. L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu impregudikati sal-gudizzju finali, dawk ta' l-appell, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghandhom jigu sopportati kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-atturi appellati u terza parti (1/3) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------